

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2015 – Wm. Wrigley Jr. vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' sfera)

(Kawża T-625/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta sfera — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”]

(2015/C 311/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wm. Wrigley Jr. Company (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u C. Schmitt, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Ġunju 2014 (Każ R 168/2014-5), rigward applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta sfera bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wm. Wrigley Jr. Company hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 351, 6.10.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2015 – Wm. Wrigley Jr. vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' sfera blu)

(Kawża T-626/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta sfera blu — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”]

(2015/C 311/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wm. Wrigley Jr. Company (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u C. Schmitt, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Ġunju 2014 (Każ R 169/2014-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta sfera blu bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Wm. Wrigley Jr. Company hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 351, 6.10.2014.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2015 – IR vs UASI – Pirelli Tyre (popchronon)

(Kawża T-132/15)

(2015/C 311/53)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: IR (Caen, Franza) (rappreżentant: C. de Marguerye, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Pirelli Tyre SpA (Milan, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "popchronon" – Trade mark Komunitarja Nru 4 177 267

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Frar 2015, fil-Każ R 217/2014-5

Talbiet

- tilqa' t-talbiet tagħha;
- tannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2015 tal-Bord tal-Appell;
- tikkonferma d-drittijiet għall-proprjetà tat-trade mark POPCHRONO;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.